MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 86/2008

**Sirap Limited C-7395**

**-vs-**

**Eros Trading Limited C-7604**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjetà attrici talbet li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallas elfejn, sitt mija u disa' Euro u sitt centezmi (€2,609.06) – (Lm1,120.07c) u dan wara li s-socjetà attrici ppremettit illi:

Il-konvenuta Eros Trading Limited inghatat servizzi kif ukoll akkwistat merce minghand l-attrici, kif ukoll talbet lill-attrici illi ammonti dovuti mill-kumpanija Estro Clothing Limited jigu mdawwra ghal fuq il-kont tal-istess konvenuta, u kollox sar u inghata skond kif mitlub u fuq ordni tal-konvenuta, imma l-konvenuta minkejja bosta nterpellazzjonijiet baqghet ma hallsitx dak illi huwa dovut minnha u ghalhekk ghadha llum dovuta s-somma t'elfejn,

sitt mija u disa’ Euro u sitt Euro centezmi (€2,609.06) ekwivalenti ghal elf, mija u ghoxrin Liri Maltin u seba’ centezmi (Lm1,120.07c) rapprezentanti in kwantu ghal elfejn, mija u erbgha u ghoxrin Euro u tmienja u tmenin Euro centezmi (€2,124.88) ekwivalenti ghal disa’ mija u tnax-il Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm912.21c) ghall-merce u s-servizzi, u ghas-somma t’erba’ mija u erbgha u tmenin Euro u tmintax-il Euro centezmi (€484.18) ekwivalenti ghal mitejn u seba’ Liri Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm207.86c) interessi fuq l-istess somma kalkolati sal-31 ta’ Mejju, 2007, oltre l-imghax ulterjuri sad-data ta’ l-effettiv pagament, ghalhekk jintalab illi l-kumpanija konvenuta tigi kkundannata:

(i) thallas lis-socjetà attrici s-somma t’elfejn, sitt mija u disa’ Euro u sitt Euro centezmi (€2,609.06) ekwivalenti ghal elf, mija u ghoxrin Liri Maltin u seba’ centezmi (Lm1,120.07c), ghar-ragunijiet fuq dettaljati, flimkien mal-interessi ulterjuri mill-1 ta’ Gunju, 2007 sad-data tal-effettiv pagament;

(ii) thallas l-ispejjez tal-kawza prezenti kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap XII numru 4839/07 kif ukoll dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment it-tnejn fl-istess ismijiet;

Kollox kontra l-konvenuta illi r-rapprezentanti u d-diretturi taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Illi s-socjetà konvenuta wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont allegat dovut diga thallas kif ser jigi provat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza. Salv eccezzjoni ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-attrici li d-diretturi u l-impjegati taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ Tonio Paris u Joseph Hammet.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta‘ Dr Ivan Sammut ghall-attur u Dr Antoine Cremona ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjetà attrici kienet tipprovdi *technical support and servicing* relatati ma’ *computers* u programmi tal-istess. Minn zmien ghal zmien is-socjetà attrici kienet tibghat il-kontijiet izda l-hlasijiet kienu qed ikunu sporadici u gara illi kien hemm zmien meta xi impjegati tas-socjetà attrici marru jahdmu ma’ kumpanija ohra u s-socjetà konvenuta bdiet tuza s-servizzi ta’ din il-kumpanija l-ohra tramite l-istess impjegati.

Meta s-socjetà attrici ndunat b’hekk, hija ghalqet il-kontijiet u talbet li s-socjetà konvenuta thallas l-ammont bilancjali. Dak l-mument hija anke kellha computer u xi apparat iehor ghandha ghat-tiswija.

Joseph Hammet xehed illi fil-fatt kien cempillu Tonio Paris irrabjat u dakinhar Tonio Paris talbu jhallas il-kont bilancjali u nfurmah li l-ammont dovut kien ta’ Lm955.83 u dakinhar stess il-konvenut hareg cheque f’dan l-ammont minn ghalih li l-kont gie saldat izda in segwitu is-socjetà konvenuta qalet li rceviet kont tal-ammont ta’ Lm912.21c izda jsostni li fil-fatt m’ghandu jhallas xejn.

B’danakollu, waqt ix-xhieda tieghu s-Sur Hammet, wara li ezamina d-dokumenti kollha li gew esebiti, kkonferma li fil-fatt huwa qieghed jammetti li ghandu jaghti s-somma ta’ Lm863.21c u qal li qed ighid hekk ghax din kienet l-ewwel darba li kien qed jara statement dettaljat. Huwa jichad li ghandu jhallas l-interessi jew li ghandu jhallas Lm49 skond l-invoice tat-18 ta’ Jannar, 2006.

Dwar l-ahhar invoice tat-18 ta’ Jannar, 2006 rega’ xehed Tonio Paris li spjega illi dan kien *servicing* ta’ computer u monitor izda l-invoice kien hareg wara li kien qam id-dizgwit ghalkemm ix-xoghol kien sar qabel. Fil-fatt jirrizulta wkoll illi dawn l-oggetti ghadhom ghand is-socjetà

attrici u fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju, 2008 gie konfermat illi s-socjetà konvenuta hija libera biex tirtirhom dakinhar li tinghata s-sentenza f'din il-kawza.

Illi ghalhekk mill-ammont mitlub, m'hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont ta' Lm863.21c billi dan huwa ammess.

Ghar-rigward tal-ammont ta' Lm49 ghal *servicing* kif fuq imsemmi, it-Tribunal jidhirlu illi dan l-ammont ukoll ghandu jigi akkolt billi jirrizulta provat illi s-servizz inghata ghall-beneficcju tas-socjetà konvenuta skond ordnijiet taghha stess.

Ghar-rigward tat-talba koncernanti l-interessi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi sal-mument illi l-partijiet kienu qed jahdmu flimkien qatt ma kienu qieghdin jigu mitluba l-interessi u ghalhekk diment li kien hemm il-kont miftuh bejn il-partijiet it-Tribunal huwa tal-fehma illi kien hemm ftehim tacitu u vinkolanti bejniethom illi ma jiddekorrix imghax. B'danakollu, mill-mument li nkisru r-relazzjonijiet bejn il-partijiet u l-kont inghalaq u kien fadal il-bilanc ta' Lm912.21c, ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar il-quddiem u ghall-fini ta' pratticita, t-Tribunal qieghed jistabbilixxi din id-data bhala l-1 ta' Jannar, 2006.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talba tas-socjetà attrici u jikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas is-somma ta' €2,124.87 (Lm912.21c) bl-interessi fuq dan l-ammont mill-1 ta' Jannar, 2006. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-kumpanija konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------